

Ir-Regolament Nru [X] tal-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà u l-Ministru tas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport ta' [X] li jemenda r-Regolament li jiddeżinja l-prekursuri tad-droga [Aanwijzingsregeling drugsprecursoren];

Il-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà u l-Ministru tas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport;

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 4(a)(2) tal-Liġi dwar il-prevenzjoni tal-abbuż ta' sustanzi kimiċi [Wet voorkoming misbruik chemicaliën];

B'dan jorndaw:

ARTIKOLU I

Ir-Regolament li jiddeżinja l-prekursuri tad-droga huwa emendat kif ġej:

A.

Jiżdied paragrafu mal-Artikolu 1, li jaqra kif ġej:

2.

L-imluħa ta' sustanzi indikati fl-Anness huma ekwivalenti għas-sustanzi indikati fejn l-eżistenza ta' tali mluħa hija possibbli.

B.

Jiddaħħal artikolu wara l-Artikolu 1, li jaqra kif ġej:

Artikolu 1a

Ir-Regolament preżenti għandu jiġi kkwotat bħala: Regolament li jiddeżinja l-prekursuri tad-droga.

C.

L-Anness jiġi emendat kif ġej:

1. Wara l-entrata li tirreferi għas-sustanza dietil (fenilaċetil) propanedjoat, jiddaħħal dan li ġej:

a. fil-kolonna "Prekursur għal":

BMK

b. fil-kolonna "Isem":

isopropiliden (2-(fenil)āċetil)malonat/2,2-dimetil-5-(fenilaċetil)-1,3-diossan-4,6-dion

c. fil-kolonna "Isem ieħor":

74965-87-0

2. Wara l-entrata li tirreferi għas-sustanza sodju 3-(2H-1,3-benżodiossol-5-il)-2-idrossipropan-2-sulfonat, jiddaħħal dan li ġej:

a. fil-kolonna "Prekursur għal":

PMK

PMK

b. fil-kolonna "Isem":

isopropiliden(2-(3,4-metilenediossifenil)aċetil)malonat/5-[(2H-1,3-benżodiossol-5-il)aċetil]-
2,2-dimetil-1,3-diksan-4,6-dion

dietil [(2H-1,3-benżodiossol-5-il) aċetil] propanedjoat

c. fil-kolonna "Isem ieħor":

IMDPAM

DEMDPAPD

ARTIKOLU II

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi [X].

Dan ir-Regolament u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tiegħu għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

The Hague, [PM]

Il-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà,

D. Yeşilgöz-Zegerius

Il-Ministru għas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport,

E.J. Kuipers

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 4(a)(2) tal-Liġi dwar il-prevenzjoni tal-abbuż ta' sustanzi kimiċi (WVMC), id-deżinjazzjoni ta' sustanzi li l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasport jew il-pussess tagħhom huma pprojbati skont l-Artikolu 4(a)(1) tal-WVMC titwettaq permezz ta' Regolament Ministerjali tal-Ministru tagħna għall-Ġustizzja u s-Sigurtà, anki f'isem il-Ministru tagħna għas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport. Dan id-Digriet jiddeżinja dawk is-sustanzi msemmija fl-Artikolu 4(a)(1) tal-WVMC.

Meta tfasslet din il-lista, ġiet ikkoordinata mal-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Prekursuri tad-Droga [Expertgroep drugsprecursoren], li ġie stabbilit mal-Grupp ta' Esperti tal-Politika Istituzzjonali dwar il-Prekursuri tad-Droga [Instellingsbeleid Expertgroep drugsprecursoren]. Is-sustanzi indikati b'dan ir-Regolament huma vvalutati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(a)(2) tad-WVMC. Il-koordinazzjoni mal-membri tal-Grupp ta' Esperti tiżgura li d-deżinjazzjoni tkun saret bir-reqqa, li s-sustanzi jkunu jistgħu jintużaw għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi u li ma tkun magħrufa l-ebda applikazzjoni legali tas-sustanzi.

The Hague, [PM]

Il-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà,

D. Yeşilgöz-Zegerius

Il-Ministru għas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport,

E.J. Kuipers